MONS. SALVATORE IMBROLL

— PRELAT MALTI TA' L-ORDNI TA' SAN ĠWANN — (1)

Minn MICHAEL GALEA

Għalkemm ulied il-familji nobbli Maltin ma kinux ammessi fi ħdan l-Ordni bħala membri Kavallieri bħalma setgħu jkunu n-nobbli l-oħrajn ta' l-Ewropa, b'danakollu xi prelati Maltin kienu jiġu aċċettati fl-Ordni bħala kappillani konventwali. B'dan il-mod xi wħud minn dawn il-prelati Maltin, li kienu ordnati saċerdoti, iddistingwew ruħhom fl-istorja glorjuża ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Wieħed minn dawn il-prelati Maltin li ħalla isem fi ħdan l-Ordni kien sewwasew Fra Salvatore Imbroll.

Għalkemm l-Ordni ta' San Ġwann kellu bħala skop ewlieni tiegħu li jkun Ordni Ospedaljier, jiġifieri jieħu ħsieb il-kura tal-morda ta' kull klassi u twemmin, huwa dejjem żamm karattru reliġjuż. Biżżejjed ngħidu li fl-imgħoddi, u, f'ċerti każi wkoll illum, kull kavallier kien jieħu l-voti tal-Faqar, Ubbidjenza u Kastità, u jirrinunzja għal ġidu, u jilbes il-libsa ta' Frater Miles, billi jsir suldat tar-Reliġjon Nisranija. Ukoll meta l-Ordni sar potenza qawwija militari u navali, huwa baqa' dejjem iżomm il-karatteristika ta' Ordni eminentement reliġjuż.

Tabilħaqq, Salvatore Imbroll iddistingwa ruħu bħala prelat ta' l-Ordni.

Insibu li wieħed mill-antenati tal-familja Imbroll (Imbrul) kien jismu wkoll Salvatore, li baqa' jissemma għall-almu u qlubija tiegħu, meta fl-1372 huwa ħareġ rebbieħ fuq ir-ribelli li qamu f'rewwixta kontra r-Re Federiku t-Tielet, liema ribelli kienu ġà ħadu f'idejhom il-Kastell ta' Sant'Anġlu. Bħala kumpens u att ta' rikonoxxenza għal dik il-lealtà lejh, ir-Re kien għamel għotja ta' artijiet lil Salvatore Imbrul kif jirriżulta minn att ta' transunt riċevut min-Nutar Bartolomeo Sillato (1).

Il-familja Imbroll oriġinat minn Catalunia, fi Spanja, u waslet f'Malta fl-1283, meta membru ta' din il-familja kien mal-flotta ta' l-ammiral Ruggiero Loria, li dik l-istess sena kien keċċa l-Anġevini mill-gżira (2).

Aktar tard insibu Michele Imbroll bħala Ġurat (1626-1627), Salvatore Imbroll bħala **Frate Capellano** ta' l-Ordni, li kien twieled fl-1624, u Antonio Imbroll bħala **Luogotenente** fil-bidu tas-Seklu Dsatax fi żmien il-gvernatur Alexander Ball (3).

Id-dixxendenti u isem din il-familja għadhom jeżistu sa żmienna wkoll.

L-GĦAŻLA TAL-GRAN PRIJUR TA' L-ORDNI

Fra Salvatore Imbroll twieled fil-Belt Valletta fl-1590 min-Nutar Francesco Imbroll u Chiara Falzon (Falson). Studja fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti — **Collegium Melitense** — aktar tard l-Università l-antika ta' l-Istudji. Ħaddan il-ħajja reliġjuża u kiseb distinzjoni akkademika fis-Sagra Teoloġija u Ġurisprudenza. Kien bniedem ta' talent, deħen u spirtu sod; kien dotat b'intelliġenza straordinarja. Ikkonsagra saċerdot ta' 20 sena. Kmieni beda l-karriera tiegħu fi ħdan l-Ordni billi ġie nominat Viċi Kanċillier. Sadattant bħala Kappillan Konventwali ta' l-Ordni huwa kien jappartjeni lil-Lingwa ta' Kastilja, u ġie mogħti l-Kommenda ta' Aldona Relca (Aldea Valcha) fil-prijorat tal-Portugall (4).

Il-Granmastru, li kien jiġi elett b'vot sigriet mill-konklav, kien l-awtorità assoluta ta' l-Ordni, jiġifieri kellu setgħat kemm spiritwali kif ukoll temporali. B'danakollu, ħafna drabi, il-Granmastru kien jiddelega l-poteri tiegħu.

Hekk per eżempju, il-Granmastru u l-Gran Kunsill kienu jħallu f'idejn il-Gran Prijur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann f' materji ekklesjastiċi u f' materji li kellhom x'jaqsmu mal-kult divin. F'dan is-sens il-Gran Prijur kellu ġurisdizzjoni u poteri l-aktar wiesgħa. Huwa kien jiġi elett mill-Assemblea tal-Kappillani Konventwali. L-għażla kienet taqa' fuq il-bniedem l-aktar li kellu virtujiet u kwalitajiet li kienu jiddistingwuh.

L-Istatuti ta' l-Ordni kienu jitolbu li l-Gran Prijur kellu jkun saċerdot, ta' età mhux anqas minn 30 sena, u mhux anqas minn 10 snin fis-servizz ekklesjastiku ta' l-Ordni. Kien, għalhekk, l-ewwel dinjità fi ħwejjeġ spiritwali u ekklesjastiċi (5). L-Istatuti ta' l-Ordni kienu jistipulaw protokol u ċerimonjal speċjali għall-elezzjoni tal-Gran Prijur. L-Assemblea tal-Kappillani Konventwali kienet tiltaqa' fil-korsija prinċipali tal-knisja ta' San Ġwann għal din l-elezzjoni. Wara li kienet tkun saret l-għażla tal-kandidat, is-Segretarju ta' l-Assemblea kien jibgħat rapport ta' l-elezzjoni lill-Granmastru. Il-Kunsill u l-Granmastru kienu japprovaw dik il-ħatra. Imbagħad il-Gran Prijur hekk elett kien jagħmel l-istqarrija tal-Fidi, u jieħu pussess tal-kariga fil-Kunsill. Huwa kien jieħu ġurament solenni minn idejn il-Granmastru, u jwiegħed il-qadi ta' l-uffiċċju tiegħu bl-akbar reqqa.

Akkumpanjat mill-Balliji Gran Kruċ u Kavallieri oħrajn, il-Prijur kien jiġi milqugħ mill-Assemblea tal-Kappillani Konventwali ġewwa l-knisja ta' San Ġwann. F'dak il-waqt kien ikun hemm id-daqq tal-qniepen u d-daqq ta' mużika sagra.

Wara li l-Prijur ikun ħa postu fil-knisja, kien jitkanta Te Deum, l-Innu ta' Radd il-Ħajr.

Fi tmiem dik iċ-ċerimonja fil-knisja, il-Prijur kien imur fil-Palazz tal-Granmastru fejn kien jiġi dekorat bil-Gran Kruċ ta' l-Ordni. Ir-residenza tal-Gran-Prijur kienet parti mill-bini li hemm anness mal-knisja ta' San Ġwann (6).

Mons. Salvatore Imbroll, Gran Prijur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann.

UNUR SPEĊJALI

Mela wara l-mewt tal-Gran Prijur Fra Pedro Urrea Camarasa, spanjol, Fra Salvatore Imbroll, Malti, intgħażel bħala s-suċċessur tiegħu fid-19 ta' Lulju 1624. Ngħidu li l-Gran Prijorat tal-Knisja konventwali ħafna drabi kien jiġi preferut mid-dinjità ta' veskovat djoċesan. Kien tassew unur speċjali fil-ġerarkija ekkleżjastika, li tkun kap u inkarigat mit-tmexxija ta' knisja bħalma hija dik ta' San Ġwann li kienet tappartjeni lil komunità reliġjuża u militari bħalma kienet dik ta' l-Ordni tal-Kavallieri; kienet fiha nfisha unur l-aktar nobbli.

Kienet, għalhekk, verament ġrajja eċċezzjonali li Salvatore Imbroll kien ġie nominat Gran Prijur tal-knisja ta' San Ġwann meta kien għad kellu biss 34 sena. Dak iż-żmien Prinċep Kap Granmastru ta' l-Ordni kien Fra Antoine de Paule (1623-1636) (7).

Imbroll kien għadu Viċi Kanċillier meta huwa ħabrek ħafna għall-elezzjoni u għażla tal-Granmastru De Paule, li mbagħad ħatru Uditur u Segretarju tiegħu. Imbroll kien ukoll prokuratur tal-"Comun Tesoro".

(Ikompli)

REFERENZI

1. Abela G.F./Ciantar G.A., **Malta Illustrata,** p. 523.
2. Leopardi E.R., Diplomat and Grand Prior in **Malta's Heritage,** p. 108.
3. Leopardi E.R., ibid. p. 108.
4. Vassallo G.A., Salvatore Imbroll f'**L'Arte,** Nru. 27.
5. Psaila Cumbo Can. Dott. Gius., **La Dignità del Priore della Chiesa/La Ven.da Assemblea dei Cappellani Conventuali/E I Fra Cappellani dell'Ordine nel Codice Gerosolimitano alla luce del Diritto Canonico,** p. 8.
6. Psaila Cumbo Can. Dott Gius., ibid., p. 7; Scicluna H., **The Church of St. John in Valletta,** p. 52.
7. Manuskritt tal-Librerija Nazzjonali (MLN), 17, f. 104.